MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 13/2011

J.P. Baldacchino & Co Limited, C 2832 bhala mandatarja specjali tas-socjeta’ Saint-Gobain Cristaleria S.L. Kumpanija registrata fi Spanja bl-ufficju registrat f’Edifico Ederra CentroAzca Paseo de la Castellana 77, 28046 Madrid, Spanja, Registrazzjoni tal-Kumpanija B 33019241

Vs

Xuereb Glass Limited C-23471

Il-Qorti;

Rat l-avviz prezentat fid-9 ta’ Novembru 2011 li bih is-socjeta’ attrici talbet lil din il-qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ hamest elef seba’ mija hamsa u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€5,765.89) rapprezenti prezz ta’ oggetti u merkanzija mibjugha lill-istess konvenuta u mhux imhallsa u dan bl-imghax kummercjali bl-oghla rata permessa mil-Ligi

inkluzi l-artikoli 26A to 26E tal-Kodici tal-Kummerc mid-data tal-fattura sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz u bl-avviz ghas-smigh .

Rat li fl-14 ta’ Frar, 2012 il-kawza giet differita ghas-seduta tat-29 ta’ Frar, 2012 peress li l-partijiet informaw lill-Qorti li kien hemm possibilita’ ta’ transazzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta prezentata llum 29 ta’ Frar, 2012 permezz ta’ liema ammettiet il-kawza.

Rat l-atti kollha.

Illi ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici fil-kwalita’ fuq premessa l-ammont ta’ hamest elef seba’ mija hamsa u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€5,765.89), bl-imghax kif mitlub mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------